GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

# Eżami għall-Post ta' *Second Secretary*
# fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu

**Suġġett:** Il-Malti

**Data:** Lulju 2026

**Ħin:** 09:00 – 12:00 (Tliet sigħat)

**Din il-karta fiha TLIET taqsimiet.**

**Il-kandidati huma mitluba jwieġbu t-taqsimiet kollha u li jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima.**

**It-tweġibiet KOLLHA jridu jinkitbu fuq il-ktejjeb ipprovdut.**

**It-tweġibiet ta' kull taqsima għandhom jinkitbu b' linka blu jew sewda.**

**Taqsima A: Traduzzjoni**

Ittraduċi dan it-test b'Malti idjomatiku. Din it-taqsima fiha 70 marka.

**Malta Concludes Its Council of Europe Presidency**
**with Dignified Pride and Steady Purpose**

Strasbourg, 14 November 2025 – Malta concluded its tenure at the helm of the Council of Europe's Committee of Ministers, formally handing the Presidency to the Republic of Moldova during a ceremony in Strasbourg. Permanent Secretary Mr Christopher Cutajar presided over the event and marked the transition with the traditional passing of the gavel, a gesture that symbolised continuity, trust and shared purpose.

In his address to the Committee of Ministers, Mr Cutajar reflected on a Presidency guided by dialogue, cooperation and coherence. He noted that Malta's six months of leadership unfolded in a period of uncertainty for Europe, yet also in a moment that called for steady hands and unified resolve. "Our work has been shaped by practical multilateralism," he said, "anchored in the belief that when we act together, our collective strength becomes a shield for our citizens and a beacon for our values."

Malta placed four priorities at the centre of its mandate. Supporting Ukraine remained a moral imperative, strengthened through coordinated action and historic steps toward justice and accountability. The Presidency advanced key instruments, including the agreement paving the way for the Special Tribunal for the Crime of Aggression and the draft Convention establishing an International Claims Commission.

The protection of children stood as another defining pillar. High-level meetings, new recommendations and the landmark Informal Ministerial Conference marking the Lanzarote Convention's anniversary elevated children's rights across Europe's policy landscape. These initiatives reaffirmed a simple truth: the way Europe safeguards its youngest reveals its moral depth.

Malta also championed human dignity and equality. The adoption of the first Recommendation on the Rights of Intersex Persons, progress on gender equality and strengthened efforts against hate speech and discrimination underscored the Organisation's commitment to inclusive societies. Youth empowerment remained central throughout the term, with Malta hosting the European Youth Work Convention and the 10th Conference of Ministers Responsible for Youth, both of which set new standards for participatory governance.

Malta also strengthened Europe's response to cross-border and digital crime by opening the Valletta Protocol for signature, an important step toward modernising mutual legal assistance and reinforcing collective security.

Across all priorities, Malta worked to deepen cooperation within the Council of Europe and with international partners, confident that coherence remains the lifeblood of effective multilateralism.

As the gavel passed to Moldova, Malta expressed complete confidence in the incoming Presidency and pledged its continued support. Mr Cutajar closed by thanking all delegations and partners for their collaboration, noting that Europe's compass still points toward human rights, democracy and the rule of law. "It is up to all of us to keep it steady", he concluded.

*Online article published on the official website of the Maltese Presidency of the Council of Europe:* *https://maltacoe.gov.mt/news/malta-concludes-its-council-of-europe-presidency-with-dignified-pride-and-steady-purpose/*

*(aqleb il-paġna)*

**Taqsima B: Taqsira**

Agħmel taqsira **(bejn 160 u 180 kelma**) bil-Malti tas-silta li ġejja. Din it-taqsima fiha 70 marka.

**Il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin iniedi Politika Reġjonali għat-Tisħiħ tar-Relazzjonijiet ta' Malta mal-Pajjiżi tal-Golf**

Il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu nieda l-Politika Reġjonali ta' Malta dwar ir-Reġjun tal-Golf, li ser toffri qafas strateġiku li jsaħħaħ ir-relazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u kulturali mal-pajjiżi tal-Kunsill għall-Koperazzjoni fil-Golf u pajjiżi oħrajn fl-istess reġjun.

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu Ian Borg ħabbar din il-Politika waqt diskussjoni ma' studenti universitarji, f'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Internazzjonali fi ħdan il-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta, aktar kmieni din il-ġimgħa.

"Qed nirrikonoxxu li r-reġjun tal-Golf qed ikollu sehem ferm akbar bħala ċentru ta' tkabbir ekonomiku u ta' djalogu globali. Għalhekk, permezz ta' din il-politika, qed nimmiraw li noħolqu koperazzjoni li tkun ġenwinament ta' ġid għaż-żewġ naħat, mhux biss għan-negozji u l-istituzzjonijiet minn Malta u mill-pajjiżi tal-Golf, iżda wkoll għaċ-ċittadini, ħaddiema, studenti, familji u l-komunitajiet kollha – sabiex ikollhom aktar opportunitajiet pożittivi, b'aktar konnettività u opportunità," Dr Borg spjega.

F'kummenti dwar din il-politika ġdida, il-Pro-Rettur tal-Università ta' Malta, il-Professur Carmen Sammut, innotat li l-Università ilha għal ħafna snin b'għadd ta' kollaborazzjonijiet fil-Golf. "Bosta studenti mill-Kuwait, l-Oman, l-Arabja Sawdita u pajjiżi oħra tal-Golf jagħżlu lil Malta biex jistudjaw il-mediċina, id-dentistrija u oqsma oħra, u meta jmorru lura lejn pajjiżhom, l-edukazzjoni li jkunu ħadu f'Malta tkun rispettata ħafna. Din il-Politika Reġjonali Ġdida dwar il-Golf issaħħaħ l-isforzi tal-Università f'din id-direzzjoni, u nittamaw li tiftaħ aktar opportunitajiet fil-futur," qalet il-Professur Sammut.

Il-Politika Reġjonali Ġdida hija msejsa fuq il-prinċipji tan-newtralità, id-djalogu u r-rispett lejn il-liġi internazzjonali, b'mod li tkun dinamika u flessibbli, biex tevolvi skont ir-realtajiet dejjem jinbidlu f'dan ir-reġjun. Il-Politika qed timmira li ssaħħaħ ir-relazzjonijiet bilaterali u multilaterali ta' Malta ma' dan ir-reġjun, sabiex twitti t-triq għal koperazzjonijiet ġodda filwaqt li tindirizza għadd ta' sfidi komuni, fosthom it-tibdil fil-klima, is-sigurtà tal-enerġija u l-istabbilità reġjonali. Qed tindika wkoll diversi oqsma b'potenzjal għal kollaborazzjonijiet ġodda, fosthom il-kummerċ, l-enerġija nadifa, it-teknoloġija, l-edukazzjoni, il-konnettività u l-iskambji kulturali.

Sabiex Malta tkompli ssaħħaħ il-kummerċ u l-investiment mal-Golf, u biex tkompli tibni fuq il-progress tax-xogħol daqstant siewi tal-ambaxxati Maltin f'dan ir-reġjun, Zachary Borg għadu kif inħatar il-Mibgħut Speċjali ta' Malta għall-Golf. F'dan l-irwol, huwa se jiffoka fuq il-promozzjoni ta' aktar kollaborazzjonijiet f'diversi setturi ta' interess, filwaqt li jħares l-interessi ta' kumpaniji Maltin fir-Reġjun.

*Stqarrija mill-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu:* *https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/Pages/2025/12/04/PR252178.aspx*

*(aqleb il-paġna)*

**Taqsima Ċ: Stqarrija għall-Istampa**

Ikteb stqarrija għall-istampa bil-Malti, ta' **mhux iktar minn 300 kelma**, mit-test li ġej. Din it-taqsima fiha 60 marka.

**Il-President tindirizza Serata Kommemorattiva f'Ġieħ il-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila**

Iltqajna hawn illejla sabiex bħal fi snin l-imgħoddija, sena wara sena, nagħtu ġieħ lil Dun Karm, il-Poeta Nazzjonali. Dun Karm, wild Ħaż-Żebbuġ bi tfulija umli, kellu trobbija sempliċi ħafna, li sawret fih il-finezza u l-imħabba lejn dak kollu li huwa ta' ġensna. Il-figuri tal-ġenituri tiegħu, ommu bidwija u missieru baħħar, ippermettewlu jara, jeżamina u jinterpreta dak ta' madwaru b'perspettiva umana, għax seta' jmiss b'idejh u janalizza b'moħħu l-karattru tal-Maltin.

Dun Karm bħala Poeta Nazzjonali jiġbor fil-kitbiet tiegħu s-sentimenti u l-valuri kollettivi li għalihom kull poplu jaspira; fi kliem ieħor, fil-kitba tiegħu, jikkristallizza l-karatteristiċi tal-poplu Malti u Għawdxi. Huwa jiċċelebra l-istorja ta' pajjiżna u jirrifletti dwar il-mixja tagħna, fejn l-antenati sa minn żmien bikri kienu reżiljenti meta affaċċjati bil-problemi. Huwa għalhekk kruċjali li nifhmu l-importanza dejjiema tal-figura ta' Dun Karm fejn tidħol l-identità tagħna, fuq kollox fejn tidħol il-lingwa Maltija.

Il-kommemorazzjoni tal-lum hija mument li tgħinna nerġgħu nitfgħu ħarsitna fuq dan il-personaġġ, fuq il-messaġġ tiegħu aktar minn kollox, u kif minn dan il-messaġġ nistgħu nisiltu ħsibijiet u riflessjonijiet li huma attwali, utli u li għadhom rilevanti għal żminijietna. L-isfidi li ġġib magħha l-bidla, u li qed nesperjenzaw fiż-żminijiet tal-lum, esperjenzahom ukoll l-istess Dun Karm. L-identità Maltija fi żmienu kienet soppressa mhux ftit mill-influwenza tal-Kolonja Brittannika. Huwa għex fi żmien fejn il-Malti kien maqbud bejn mhux biss żewġ ilsna barranin, iżda wkoll bejn żewġ kulturi barranin.

Fl-ewwel kitbiet tiegħu bil-Malti, Dun Karm għaraf li l-għażla ta' kitba bil-lingwa Maltija, anke kontra dak li kien ikkunsidrat aċċettabbli fi żmienu, kienet waħda naturali, għaliex il-lingwa Maltija kienet dik il-lingwa li kien jikkomunika biha kuljum ma' ta' madwaru.

Il-mibki Professur Oliver Friggieri jiddeskrivi lil Dun Karm mhux biss f'termini letterarji, bħala promotur tal-ilsien Malti permezz tal-kitbiet tiegħu, iżda wkoll bħala simbolu ħabrieki tal-identità nazzjonali. F'dawn it-termini, Dun Karm serva ta' promotur ħabrieki tal-lingwa Maltija permezz tal-irwoli li serva tul il-karriera tiegħu, fosthom bħala President tal-Akkademja tal-Malti.

Propju llejla qed infakkru wkoll il-mitt sena anniversarju mill-ewwel edizzjoni ta' *Il-Malti,* il-pubblikazzjoni tal-istess Akkademja, li tagħha Dun Karm kien editur għal bosta snin.

Il-ħidma tiegħu, id f'id max-xogħol li kien qed jagħmel Pietru Pawl Saydon permezz tat-traduzzjoni tal-Bibbja, kompliet fuq ix-xogħol ta' Vassalli, u wittiet it-triq għall-istandardizzazzjoni u promozzjoni tal-ilsien tagħna, anke fost l-akkademiċi li kienu jippreferu lingwi alternattivi.

Din is-sena jaħbat ukoll il-mitejn sena anniversarju minn meta Mikiel Anton Vassalli, ġie maħtur bħala l-ewwel lettur tal-Malti fl-Università ta' Malta. Kemm Mikiel Anton Vassalli kif ukoll Dun Karm Psaila kienu figuri li wittew t-triq tal-identità Maltija permezz tal-ilsien tagħna. It-tnejn ħassew li l-Malti kien il-qalba tal-poplu, u li mingħajru ma setgħetx teżisti kultura awtentikament nazzjonali. Il-pedamenti li ħejja Mikiel Anton Vassalli bil-proċess ta' purifikazzjoni tal-grammatika u l-lessiku Malti minn dak Taljan, ġew imsaħħa minn Dun Karm bil-kitbiet tiegħu. Huma f'dawn is-sitwazzjonijiet li Dun Karm kien kruċjali biex l-użu tal-Malti jiġi regolarizzat u jingħata post denju bħala l-ilsien nazzjonali tagħna.

Illum il-Malti jinsab f'salib it-toroq; is-sentiment nazzjonali juri żieda fl-użu tat-tieni lingwa, tal-Ingliż, flimkien ma' dik Maltija u qed jiġi reġistrat tnaqqis fl-użu tal-lingwa Maltija bħala l-lingwa primarja tagħna. Dan ħareġ mill-aħħar edizzjoni tal-eżerċizzju annwali tal-Istat tan-Nazzjon fejn ħareġ li l-użu tal-Malti miż-żgħażagħ tagħna baqa' jonqos tul dawn l-aħħar snin. L-użu tajjeb tal-lingwa, il-lingwa omm, għandu jkun inkoraġġit bl-istess spirtu patrijottiku li bih Dun Karm ħadem biex il-Malti jkun meqjus bħala l-ilsien nazzjonali.

Jinħtieġ li l-Malti jintuża b'mod kif suppost u xieraq f'kull qasam tas-soċjetà Maltija u minn kull ġenerazzjoni fis-soċjetà tagħna. In-nuqqas ta' għarfien ta' użu ta' Malti tajjeb iridu jiġu megħluba. Dan hemm bżonn li jsir in prinċipju, permezz tal-użu ta' kliem Malti ġa eżistenti u ġa użat u li biż-żmien, jekk m'aħniex se nużaw dan il-kliem, jaf jintilef.

Dan ma jfissirx illi ma nirrikonoxxux li l-ilsien Malti, kif jixraq li jibqa' lsien ħaj, ma jevovlix maż-żminijiet, jew ma jiġborx fih ukoll vokabularju ġdid li jkun jirrifletti żviluppi fil-mixja tal-umanità. Il-lingwa Maltija mhix statika – hija lingwa ħajja u dinamika, li tevolvi skont il-bżonn ta' min ikun qed jużaha. Aktar ma nużawha aktar inżommuha relevanti għaż-żminijiet kollha.

Il-ħidma mill-entitajiet governattivi u mill-Akkademja tal-Malti fost it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna biex jitjieb il-livell tal-litteriżmu hija ta' min jinkoraġġiha bil-kbir. Għandna naraw li l-Malti jintuża aktar fost tfal fl-istadju bikri tal-edukazzjoni informali tagħhom, fiċ-*childcare,* u d-dar. Fuq kollox, għandna nkunu aħna minn ta' quddiem biex naqraw bil-Malti u nħeġġu lill-oħrajn jagħmlu bħalna.

Fid-dawl ta' dan, ħarsitna ddur lejn Dun Karm mhux biss bħala poeta romantiku u liriku, imma bħala patrijott Malti li xpruna 'l quddiem l-użu tal-Malti biex dan jieħu postu fil-ġeneru u l-qalba ta' dak li jagħmilna Maltin. Irridu nkunu aħna li nonoraw il-ħidma li saret minn dawk ta' qabilna, u nispiraw irwieħna mis-sagrifiċċji li għamlu huma.

Nirringrazzja lill-Akkademja tal-Malti u lill-organizzaturi tas-serata tal-lejla, li kull sena jaraw li hu dover li lil Dun Karm u patrijotti oħra ta' lsienna u l-identità tagħna, b'mod jew ieħor infakkruhom u ntuhom ġieħ.

Grazzi talli qed iżżommu l-memorja tagħhom ħajja, u tinsġuha mal-memorja kollettiva ta' pajjiżna maż-żminijiet.

L-Uffiċċju tal-President ta' Malta
Il-Palazz, Pjazza San Ġorg, Valletta, Malta

*Silta meħuda mid-diskors sħih tal-President ta' Malta mis-sit:*
*https://president.gov.mt/mt/diskorsi/*

**TOTAL: 200 MARKA**

# TMIEM IL-KARTA